**20 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Maġġur Joseph Thomas Arrigo ne.

*versus*

Neg. Joseph Stellini pr. et ne. et.

**Bejgħ — Kampjun — Vizzji Redibitorji — Perizja Ġudizzjarja — Nullità — Art. 1481 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 792(2) tal-Proċedura Ċivili.**

*Għalkemm perit ġudizzjarju ma jkunx ġ'e nominat mill-Qorti b'digriet, kif għar-regolarita' tal-proċedura jmissu jkun, f'appell li jsir mis-sentenza mogħtija in segwitu għar-relazzjoni ta' dak il-perit ma tistgħax t'ġi kontestata l-validità tal-perizja, jekk ikun jidher li l-Ewwel Qorti rratifikat*

*l-operat ta' dak il-perit mhux nominat minnha regolarment, u l-partijiet ikunu aċċettawh u għamlu l-provi quddiemu, u pproċedew għall-atti suċċessivi tal-kawża, mingħajr ma qajma ebda kwistjoni fl-ewwel istanza dwar innomina tiegħu.*

*L-azzjoni għar-rexissjoni ta' bejgħ ta' merkanzija m'nħabba vizzji redibitorji mhix eżerċitabbli jekk ikun għadda aktar minn xahar minn meta saret il-konsenja tal-merkanzija, jew minn meta x-xerrej seta' jinduna bid-difett. Imma hu rikonoxxut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li, meta l-bejgħ, għalkemm isir fuq il-kampjun, isir ukoll bil-patt ta' ċerta kwalità, ix-xerrej jista' jirrofta l-merkanzija u jinħall mix-xirja, jekk jiskopri li l-merkanzija, għalkemm bħall-kampjun, ma tkunx tal-kwalità pattwita.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur nomine talab illi l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilu, il-konvenuti Stellini proprio et nomine, Joseph Calleja u John Spiteri, kull wieħed minnham is-somma ta' £170.13.4, prezz ta' partita ġobon "Australian Parmison Type" tal-piż ta' 640 ratal, mibjugħa u konsenjati lil kull wieħed minnhom bir-rata ta' 5s.4d. r-ratal, u ż-żewġ konvenuti l-oħra Cachia u Buhagiar, kull wieħed minnhom is-somma ta' £85.6.8, prezz ta' partita mill-istess ġobon tal-piż ta' 320 ratal, mibjugħa u konsenjata lil kull wieħed minnhom bir-rata ta' 5s.4d. r-ratal. Blinteressi minn notifika, f'kull każ, tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Ġunju 1954, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-istess ittra uffiċjali diretta separatament lil kull wieħed mill-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal- Qorti tal-Kummerċ tas-26 ta' Novembru 1959, li biha ġew respinti l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Calleja u milqugħa t-talba tal-attur proprio et nomine in kwantu diretta kontra l-istess konvenut Calleja, bl-ispejjeż tal-kawża u relattivi in proporzjon tal-istess talba kontra tiegħu, u ma ttieħdetx konjizzjoni tat-talbiet

kontra l-konvenuti l-oħra billi ġew ċeduti; wara li kkunsidrat;

Illi l-eċċezzjoni tal-konvenut Calleja, fis-sens li l-attur aċċetta li l-ġobon jibqa' għandu bħala depożitu biss, u mhux bħala bejgħ, ma tistgħax tiġi milqugħa. Ġie rilevat fir-relazzjoni tal-perit illi . . . . ;

Illi l-eċċezzjonijiet l-oħra huma li l-ġobon ma ġiex skond l-ordni, li ma kienx ta' kwalità tajba, u li kien deterjorat;

Illi però, bil-perizja ġie konstatat li l-ġobon li l-attur ikkonsenja lill-konvenut Calleja kien skond il-kampjun u ta' kwalità tajba skond dak il-kampjun, u li ma kienx deterjorat qabel ma wasal għand l-istess Calleja;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut Joseph Calleja, li biha appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tas-26 ta' Novembru 1959; u rat il-petizzjoni tal-istess konvenut appellant Joseph Calleja, li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmia u ċ-ċaħda tat-talba tal-attur nomine; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi f'dan l-appell, fit-trattazzjoni orali, l-appellant qajjem il-kwistjoni tal-validità tar-relazzjoni peritali, billi l-perit Eugene Falzon ma ġiex nominat mill-Ewwel Qorti b'ebda digriet. U tabilħaqq minn ebda parti tal-proċess ma jirriżulta li dak Falzon kien ġie nominat perit b'digriet tal-Qorti. Iżda jirriżulta li l-Ewwel Qorti kienet ordnat perizja u nnominat il-perit, u peress li dan ma aċċettax ġie sostitwit b'ieħor u dan ukoll ġie sussegwentement mibdul, kif ġie mibdul ta' warajh ukoll. Iżda, billi l-perit il-ġdid ma aċċettax l-inkarigu, il-legali li kellu jassisti l-perit sab lil Eugene Falzon, li aċċetta l-inkarigu, u l-Qorti, infurmata minn dan kollu, irratifikat verbalment l-operat tal-legali mingħajr ma tat digriet ieħor. U tabilħaqq, il-perizja

tkompliet, il-partijiet għamlu l-provi quddiem il-perit, il-Qorti diversi drabi ddifferiet il-kawża għar-rapport ta' dak il-perit, saret ir-relazzjoni peritali, li ġiet maħlufa u eżaminata kif jidher mill-verbal tal-Qorti, u fuqha nqatgħet is-sentenza;

Għalkemm għar-regolarità tal-proċedura l-Ewwel Qorti messha kkonfermat b'digriet in-nomina ta' Falzon bħala perit, mhuwiex il-każ li l-appellant jikkontesta f'dan l-istadju l-validità tal-perizja; sew għax jidher ċar li l-Qorti fil-fatt kienet irratifikat l-inkarigu mogħti lil dak il-perit, sew għax il-partijiet aċċettawh, għamlu l-provi tagħhom quddiemu. u pproċedew għall-atti sussegwenti tal-kawża mingħajr ma qajmu ebda kwistjoni fl-ewwel istanza fuq in-nomina ta' dak il-perit. Għaldaqstant il-lum l-appellant ma jistgħax iżjed jikkontesta l-validità tal-ħatra tal-perit u tar-relazzjoni tiegħu (art. 792(2) Kod. Proċ. Ċiv.); u għalhekk dik il-perizja l-lum tagħmel prova għall-finijiet proċedurali tal-kawża, salv dejjem l-apprezzament tal-valur probatorju tagħha in relazzjoni mal-provi l-oħra tal-proċess;

Ikkunsidrat, fuq il-meritu;

Illi l-appellant kien ordna l-ġobon fuq il-kampjun li wrieh il-pjazzista tad-ditta attriċi, li kien Joseph Vella. Mix-xhieda ta' Joseph Stellini jirriżulta li l-kampjun kellu fuq il-kaxxa li kien "skimmed" (fol. 90). u għalhekk huwa loġiku li anki l-ġobon ordnat mill-appellant kellu jkun bħalu. F'din il-kawża ma ġiex prodott il-kampjun biex iservi ta' terminu ta' paragun; iżda mill-kumpless tal-provi jidher li sostanzjalment il-ġobon mibjugħ lill-appellant kien bħal kampjun. Huwa veru li l-appellant xehed li l-apparenza esterjuri kienet differenti minn dik tal-kampjun, iżda b'dan kollu aċċettah (fol. 97-98). Kuntrarjament għal dak li fuqu xehdu x'uħud mil-konvenuti, il-ġobon li xtara l-appellant ma kienx partikolarment iebes, iżda kellu togħma tagħti fil-ħelu (dep. appellant fol. 103). B'dan kollu l-appellant ma setgħax raġjonevolment jilmenta mit-togħma, għax il-kampjun ma kienx dagħqu. Il-fatt li l-ġobon ġie biċċa mgeżwer bi xkora u biċċa fix-xama' ma

kienx jagħmel differenza, kif qal l-espert ġudizzjarju; u fil-każ tal-appellant ma għandu l-ebda rilevanza, għax il-ġobna tal-kampjun li fuqu l-appellant għamel l-ordni kienet mikxufa u maqsuma (fol. 97). L-appellant xehed li huwa sab il-ġobon qares, ħażin u bid-dud, u l-klijenti reġġawlu lura l-ġobon li kien bagħtilhom (fol. 98). Dan jidher li kien ilment ġenerali, għax irriżulta tista' tgħid minn dawk kollha li xehdu. Iżda anki jekk id-deterjorazzjoni rapida tal-ġobon ġrat qabel il-konsenja lill-appellant, dan ma jintitolax lill-appellant biex iħassar il-bejgħ u jirrofta li jħallas il-prezz; għax il-qrusa, ħżunija u dud tal-ġobon kienu vizzju redibitorju, u l-vizzju redibitorju huwa deduċibbli fi żmien xahar mill-konsenja jew minn meta x-xerrej seta' jinduna bid-difett (art. 1481 Kod. Ċid.), u mhux kif għamel l-appellant, wara ħafna żmien (sent. App. Kumm. 12.2.1908, in re "Cilia La Corte vs. Galea" (XX-I-280). L-appellant isostni li huwa kien kellem lill-pjazzista tal-attur ne. Giuseppe Vella, u dan qallu biex ma jiċċaqlaqx qabel ma jgħidlu (fol. 98); iżda ma ġiex pruvat li dak Vella kellu l-inkarigu jew l-approvazzjoni tal-attur nomine biex jagħmel dak l-arrangament mal-appellant; u għalhekk ma setgħax jorbot lill-attur nomine u jinnewtralizza d-dekorriment tat-terminu tal-azzjoni li seta' kellu l-appellant minħabba l-vizzju redibitorju tal-ġobon;

Ikkunsidrat;

Illi huwa rikonxxut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li, meta l-bejgħ, għalkemm isir fuq il-kampjun, isir ukoll bil-patt ta' ċerta kwalità, ix-xerrej jista' jirrofta l-merkanzija u jinħall mix-xirja, jekk jiskopri li l-merkanzija, għalkemm bħal kampjun, ma tkunx tal-kwalità pattwita (App. 18.2.1924 in re "Busuttil vs. Micallef", XXV-I-1041; (App. 12-11-1937 in re "Wismayer vs. Bonaci", XXIX-I-1447; u awtoritajiet hemm imsemmija). Fil-każ preżenti, l-appellant xehed li meta l-pjazzista Vella għall-attur ne. offra l-bejgħ tal-ġobon fuq il-kampjun li wrieh, huwa offrieh bħala ġobon ta' tip "parmiġġjan" (fol. 97). Jidher li fil-fatti huwa veru li Vella biegħ il-ġobon bħala ta' dak it-tip, għalkemm mhux bħala parmiġġjan veru u proprju. U tabilħaqq, ix-xhud Calascione kkonferma li dak il-ġobon, bil-

kampjun kollu, kien ikkwalifikat bħala tip parmiġġjan meta kien qiegħed jiġi offert għall-bejgħ (fol. 87); u bħala tali kien qed jiġi deskritt, kif ammetta l-attur (fol. 86-87); u hekk ukoll kien imsemmi fil-korrispondenza tal-attur rife·ribbli għall-importazzjoni (dep. Calascione fol. 88). Id-dokument fil-fol. 77 jikkonferma l-istess versjoni. Iżda mid-dokument tad-ditta esportatriċi stess, kompriż iċ-ċertifikat tal-Gvern Awstraljan, jirriżulta ċar u bla dubju li l-ġobon kien ta' tip ruman (dok. fol. 73 74, 79, 76). L-espert ġudizzjarju xehed li l-ġobon, skond l-opinjoni tiegħu, kien "parmesan type"; iżda meta wieħed jikkunsidra li d-ditta manifattriċi stess tal-ġobon u l-awtorità governattiva tal-Awstralja, li ċċertifikat il-ġobon, ammettew li dak kien ġobon ta' tip ruman, l-opinjoni tal-espert Falzon ftit jista' jkollha valur. Ix-xhieda kollha qalu li l-ġobon kellu togħma ħelwa ferm. u kien hemm min qal li kien bla togħma. Dan ma jistgħax jingħad għall-ġobon tip parmiġġjan; u li bejn il-ġobon tip ruman u dak ta' tip parmiġġjan hemm differenza markata jirriżulta ammess minn dak l-espert stess. barra mix-xhieda ta' Joseph Stellini, li ilu fin-negozju tal-ġobon, u xehed li bejn iż-żewġ tipi ta' ġobon hemm differenza assoluta (fol. 91);

U ladarba l-ġobon mibjugħ bħala ta' tip parmiġġjan kien ta' tip ruman, ma jistgħax jingħad li kien tat-tip pattwit, u għalhekk l-appellant kellu d-dritt jirrofta dak il-ġobon u jreġġgħu lura lill-attur. L-appellant ma ddepożitax il-ġobon; iżda l-attur kien jaf bl-ilmenti ġenerali ta' dawk kollha li kienu xtraw minn dak il-ġobon u li l-klijenti ma riedux iħallsuh (fol. 80). L-istess ħaġa xehed Calascione (fol. 88). U dan juri li l-intenzjoni li jirrofta l-ġobon u jħassar ix-xiri espressa mill-appellant lil Vella, waslet lid-ditta attriċi sa mill-ewwel ġurnata;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant Calleja, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda lil dak l-appellant u tiċħad it-talba tal-attur nomine in kwantu diretta kontra l-appellant Calleja: bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur nomine.